A.L. 51 ta' l-1994

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Regoli ta' l-1994 dwar id-Distribuzzjoni ta' Kawżi fil-Qorti ta' l-Appell

IL-PRESIDENT ta' Malta approva r-Regoli tal-Qorti li ġejjin magħmula mill-Bord b'setgħa li jagħmel regolamenti kostitwit taħt l-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. Dawn ir-Regoli jistgħu jiġu msejjħa ir-Regoli ta' l-1994 dwar id-Distribuzzjoni ta' Kawżi fil-Qorti ta' l-Appell, u għandhom jibdew iseħħu fid-29 ta' April, 1994.

Distribuzzjoni ta' kawżi quddiem l-Ewwel u t-Tieni Sezzjonijiet.

2. Il-Prim Imħallef għandu jassenja u jappunta l-kawżi li għandhom jiġu trattati mit-Tieni Sezzjoni tal-Qorti ta' l-Appell, u mhux mill-Ewwel Sezzjoni tal-istess Qorti, u dan a bażi ta' dawn il-prinċipji:—

(a) il-kawżi li għandhom jiġu appuntati għandhom kemm jista' jkun isegwu kronoloġikament dawk li f'kull xahar jiġu appuntati fl-Ewwel Sezzjoni tal-Qorti b'mod illi dawn l-appuntamenti jkunu f'funzjoni sussidjarja għall-appuntamenti quddiem l-Ewwel Sezzjoni;

(b) l-ebda kawża li s-sentenza tagħha tkun ġiet pronunzjata minn xi wieħed mill-imħallfin komponenti t-Tieni Sezzjoni m'għandha tiġi assenjata lil dik is-Sezzjoni;

(ċ) l-ebda appell minn sentenza tal-Qorti t'Għawdex m'għandu jinstema mit-Tieni Sezzjoni;

(d) appelli li *prima facie* jidhru li huma ta' natura komplessa jew komplikata jew li jkunu jeħtieġu trattazzjoni li teħtieġ aktar minn seduta waħda, għandhom normalment jinstemgħu mill-Ewwel Sezzjoni.